

## DIGRIET

ta' ..... 2025

### **Li jemenda d-Digriet Nru 289/2007 dwar ir-rekwiżiti veterinarji u tal-iġjene għal prodotti tal-animali li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni applikabbli direttament tal-Komunitajiet Ewropej, kif emendat**

Skont § 78 tal-Att Nru 166/1999 dwar il-kura veterinarja u li jemenda ġerti atti relatati (I-Att Veterinarju), kif emendat bl-Att Nru 131/2003, I-Att Nru 316/2004, I-Att Nru 48/2006, I-Att Nru 182/2008, I-Att Nru 227/2009, I-Att Nru 308/2011, I-Att Nru 359/2012, I-Att Nru 279/2013, I-Att Nru 139/2014, I-Att Nru 264/2014, I-Att Nru 302/2017, I-Att Nru 368/2019, I-Att Nru 246/2022, u I-Att Nru 70/2025, sabiex jiġu implementati § 22(6)(a)(4), § 25(5), § 27a(10), § 27b(11), u § 53(8)(d) tal-Att, il-Ministeru tal-Agrikoltura jistabbilixxi dan li ġej:

#### Artikolu I

Id-Digriet Nru 289/2007 dwar ir-rekwiżiti veterinarji u tal-iġjene għal prodotti tal-animali li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni applikabbli direttament tal-Komunitajiet Ewropej, kif emendat bid-Digriet Nru 61/2009, id-Digriet Nru 11/2015, id-Digriet Nru 65/2019, id-Digriet Nru 181/2020, u d-Digriet Nru 145/2023, huwa emendat kif ġej:

1. F'§ 1(c), il-kliem “bejgħ ta’ ħut f’punt ta’ bejgħ separat u għall-qtil, l-evixxerazzjoni” huwa sostitwit b“bejgħ ta’ ħut ħaj f’punt ta’ bejgħ separat u għall-iskarnar, l-evixxerazzjoni, it-tqattiġħ”.
2. F'§ 4, jitħassar il-kliem “u d-data li tinsab fir-registrū tal-kampjunar imwettaq”.
3. § 5 jitħassar, inklużi l-intestatura u n-nota 4 f’qiegħ il-paġna.
4. F'§ 6(2), il-kelma “Qtil” hija sostitwita bi “Skarnar”.
5. F'§ 7(1), il-kelma “qtil” hija sostitwita bi “skarnar”.
6. Fil-parti introduttorja ta’ § 8, il-kelma “maqtula” hija sostitwita bi “skarnati”.
7. F'§ 10(2), il-kliem “10 dundjani, 35 wiżże, 35 papra u 35 oħra” huwa sostitwit b“2 000” u l-kelma “ġimgħa” hija sostitwita b“sena kalendarja”.
8. F'§ 10, jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:  
“(4) Il-laħam frisk tat-tjur għandu jinħażen f’temperatura kostanti ta’ – 2 °C sa + 4 °C.”.
9. F'§ 11(2), in-numru “35” huwa sostitwit b“2 000” u l-kelma “ġimgħa” hija sostitwita b“sena kalendarja”.
10. F'§ 11, jiżdied il-paragrafu (5) li ġej:  
“(5) Il-laħam frisk tal-fenek għandu jinħażen f’temperatura kostanti ta’ – 2 °C sa + 4 °C.”.
11. Jitħassar § 11b, inkluża l-intestatura.
12. F'§ 12a(3), in-numru “4” huwa sostitwit b“5”.
13. F'§ 12b(1), jitħassar il-kliem “jew laħam frisk tan-nutria”.

14. § 12b(2)(b) jaqra kif ġej:  
“(b) id-dettalji ta’ identifikazzjoni tal-persuna li tordna l-eżami, li huma d-dettalji tal-utent taż-żoni tal-kaċċa skont § 12a(3)(a),”.
15. F’§ 14(2), titħassar il-kelma “finali”, in-numru “21” huwa sostitwit bi “28” u l-kliem “il-ħajja minima fuq l-ixkaffa hija” huwa sostitwit bil-kliem “id-data ‘l-aħjar qabel’ ma tkunx aktar minn”.
16. F’§ 14, il-paragrafu (4) jaqra kif ġej:  
“(4) Kwantità żgħira ta’ bajd frisk maħsuba għall-bejgħ jew għall-forniment skont il-paragrafu 1 għandha tfisser massimu ta’ 6 000 bajda mibjugħha jew fornuta matul il-perjodu ta’ xahar kalendarju wieħed.”.
17. Jitħassar § 14 (5).
18. L-intestatura ta’ § 15 għandha taqra kif ġej: **“Prodotti tan-naħal maħsuba għall-konsum mill-bniedem”**.
19. F’§ 15(3), il-kelma “kull sena” hija sostitwita b”matul il-perjodu ta’ sena kalendarja waħda”.
20. F’§ 15, jiżdiedu l-parografi 4 u 5 li ġejjin:  
“(4) kwantità żgħira ta’ trab tad-dakra maħsub għall-bejgħ minn min irabbi n-naħal direttament lill-konsumatur fl-unità domestika ta’ min irabbi n-naħal, fir-razzett ta’ min irabbi n-naħal, f’sala tas-suq jew f’suq, jew għall-provvista minn min irabbi n-naħal lil stabbiliment lokali tal-bejgħ bl-imnut, titqies bħala kwantità li ma taqbiżx l-100 kg matul il-perjodu ta’ sena kalendarja waħda.  
“(5) kwantità żgħira ta’ ħalib tan-naħal maħsub għall-bejgħ minn min irabbi n-naħal direttamente lill-konsumatur fl-unità domestika ta’ min irabbi n-naħal, fir-razzett ta’ min irabbi n-naħal, f’sala tas-suq jew f’suq, jew għall-provvista minn min irabbi n-naħal lil stabbiliment lokali tal-bejgħ bl-imnut, titqies bħala kwantità li ma taqbiżx l-10 kg matul il-perjodu ta’ sena kalendarja waħda.
21. F’§ 31(2), jitħassar il-kliem “il-kodiċi tal-unità statistika territorjali skont il-klassifikazzjoni CZ-NUTS”.
22. § 34 jaqra kif ġej:  
“§ 34

Pjan ta’ kontinġenza ta’ miżuri fil-każ ta’ tifqigħha ta’ ċertu mard żoonotiku perikoluż għandu jiġi anness mar-regoli operattivi u sanitarji tal-biċċerija.

## **Artikolu II**

### **Regolament tekniku**

Dan id-Digriet ġie nnotifikat f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

## **Artikolu III**

### **Data effettiva**

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħħ fl-1 ta' Lulju 2025.

Ministru għall-Agrikoltura: